MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2008

Rikors Numru. 1303/2007

**Fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru numru 1816/07 fl-ismijiet :**
**Rajeah Kumar Saraiya, passaport indijan numru G5599925 ghan-nom u in rapprezentanza ta' Ultratest Systems Ltd, kumpanija registrata l-Ingilterra li ghandha numru 4113211**

**vs**

**Monet Limited (C25290) u Peter Mamo (ID 76950 M) u martu Marthese Mamo (ID 5693590M) ghal kull interess li jista jkollha u Semion Aksendler, ghandu passaport Israelit numru 8924112 u passaport Ukrain numru AC780597**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Marthese Mamo npprezentat fit-12 ta’ Dicembru, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi b'rikors ipprezentat minn Rajeah Kumar Saraiya, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Ultratest Systems Ltd ntlaqghet it-talba sabiex jinhareg mandat ta' sekwestru fil-kofront tar-rikorrenti sekwestrata in kawtela tas-somma ta' mitejn u ghoxrin elf lira Maltin (Lm220,000) u bil-kawzali "ammont ikkalkolat ai finiji ta' dan il-mandat bhala danni sofferti mis-socjeta' sekwestranti in segwitu ghall-atti frawdolenti maghmula kontra l-istess socjeta' mis-socjeta' sekwestrata u mid-Direttur ta' l-istess socjeta' sekwestrata Peter Mamo kif ukoll mis-sekwestrat l-iehor Semion Aksendler";

Illi in segwitu ta' dan il-mandat gew sekwestrati, ingustament u bla ebda fundament fattwali u legali, l-kontijiet bankarji personali tar-rikorrenti sekwestrata oltre dawk tas-socjeta' sekwestrata Monet Limited u ta' Peter Mamo;

Illi r-rikorrenti sekwestrata tissottometti bir-rispett illi ma jezistux l-elementi rikjesti mill-ligi biex il-mandat odjern jibqa fis-sehh u ghaldaqstant qed tintavola dan ir-rikors ai termini ta' artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-hrug ta' revoka tal-mandat imsemmi;

Illi in primis ir-rikorrenti sekwestrata tirrileva illi l-hrug tal-mandat ta' sekwestru li tieghu qed tintalab ir-revoka hareg bhala reazzjoni ghal zewg kawzi li infethu fi Kiev l-Ukraina fil-11 ta' Ottubru 2007 mis-socjeta' Monet Limited kontra is-socjeta' Ultratest System fejn talbet Monet Limited tablet lill-Onorabbli Qorti tiddikjara lis-socjeta' Ultratest Systems Ltd debitrici fl-ammont ta' approssimament sitt miljun dollaru komplessivament u dan ai termini tal-letter of guarantee illi is-socjeta' Ultratest Systems Ltd ghamlet a favur is-socjeta' sekwestrata;

Illi r-rikorrenti sekwestrata tissottometti bir-rispett illi ma jezistux l-elementi rikjesti mil-ligi biex il-mandat odjem jibqa' fis-sehh u dan ghar-ragunijiet segwenti;

**1. Li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-mandat m'ghadhiex fil-fatt tezisti (Artikolu 836(1)(b)) u li fic-cirkustanzi m'huwiex ragonevoli illi l-mandat jinzamm fis-sehh jew li huwa gustifikabbli (Artikolu 836(1)(f).**

Illi wiehed mir-rekwiziti li l-ligi procedurali titlob sabiex jinzamm in vigore Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju huwa illli il-Qorti ghandha tkun sodisfatta illi prima facie s-socjeta sekwestranti ghandha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat;

Illi s-socjeta' sekwestranti fil-kawzali tal-mandat tghid illi in kwantu ghas-somma ta' mitejn u ghoxrin elf lira Maltin (Lm220,000) dawn huma dovuti bhala danni sofferti mis-socjeta' sekwestranti in segwitu ta' "l-atti frawdolenti maghmula kontra l-istess socjeta' mis-socjeta' sekwestrata u mid-Direttur ta' l-istess socjeta sekwestrata Peter Mamo kif ukoll mis-sekwestrat l-iehor Semion Aksendler liema atti frawdolenti jikkonsistu fil-falsifikazzjoni tal-firma tad-Direttur tas-socjeta' sekwestranti fuq zewg dokumenti kummercjali u cioe guarantee letter datata 15 ta' Novembru 2001 u minuti ta' meeting tal-Board tad-Diretturi ta' Ultratest Systems Limited tal-15 .ta' Novembru 2001 bir-rizultat ta' liema firem foloz u frawdolenti s-sekwestrati fethu proceduri legali kontra s-socjeta' sekwestranti fejn tablet il-hlas ta' circa ta' USD sitt miljuni u nofs Dollari Amerikani, liema somma hi wahda fittizja u vvintata u certament mhux dovuta ghar-ragunijiet fuq indikati";

Illi fil-kawzali, s- socjeta' sekwestranti donnha qeghda timplika illi l-pretensjoni tad-danni sotferti hija a bazi u in konsegwenza ta' l-atti frawdolenti tad-direttur tas-socjeta' Monet Limited u ta' Semion Aksendler;

Illi r-rikorrenti sekwestrata f'dan ir-rigward tirrileva illi oltre ghall-fatt illi l-falzita u l-frodi allegata mis-socjeta' sekwestranti hija ghal kollox fittizja u ivvintata, u ghalhekk infondata fil-fatt u fid-dritt, din l-allegazzjoni li fuqha s-socjeta' sekwestranti qed tibbaza il-mandat odjern hija wahda generika u m'hemmx prima facie pretensjoni u

wisq anqas prima facie prova iIli Peter Mamo kien b'xi mod responsabbli ghall-allegati atti frawdolenti;

Illi inoltre jigi rilevat illi Peter Mamo qatt ma naqas b' ebda mod mill-obbligi tieghu bhala direttur tas-socjeta' sekwestrata;

Illi ghalhekk l-imsemmija allegazzjoni hija wahda minghajr bazi u prova, u m'ghamula intenzjonalment b'mod generiku tolqot IiI min tolqot, sabiex tkun tista tintefa, ingustament, htija fuq Peter Mamo f'ismu personali;

Illi inoltre r-rikorrenti sekwestrata tirrileva illi s-socjeta' ezekutanta m' ghandiex pretensjoni lejha ghas-segwenti ragunijiet:

(1) Illi is-socjeta' sekwestranti m'ghandhiex pretensjoni jew jeddijiet kontra rikorrenti sekwestrata stante illi r-rikorrenti sekwestrata la hija direttur lanqas hija azzjonista fis-socjeta' Monet Limited u la ghandha u anqas qatt ma kellha ebda rwol fit-tmexxija tas-socjeta' Monet Limited. Illi r-rikorrenti sekwestrata hija biss il-mara tas-Sur Peter Mamo u mhix involuta fin-negozju tar-ragel;
(2) Illi r-rikorrenti sekwestrata m' ghandha l-ebda relazzjoni legali ma Rajeah Kumar Saraiya, jew ma Ultratest Systems Ltd u ghalhekk ma tistax tifhem ghalfejn hija giet inkluza bhala sekwestrata fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru odjem, meta fil-fatt qatt ma rceviet ebda forma ta' interpellazzjoni qabel dan l-att mill-intimat, u ghalhekk tqis Ii dan l-att gudizzjarju sar b' mod ftivolu u vessatorju u minghjar ebda bazi legali;
(3) Illi l-unika relazzjoni legali bejn r-rikorrenti sekwestrata u s-sekwestrati l-ohra jigifieri Monet Ltd, Semion Aksendler u Peter Mamo, huwa Ii r-rikorrenti sekwestrata hija il-mara ta' Peter Mamo kif inghad aktar 'I fuq, izda madanakollu hija ghall-kollox terza ghar-relazzjoni legali, jekk tezisti, bejn Peter Mamo u s-socjeta' ezekutanti. Ghalhekk jekk is-socjeta ezekutanti tippretendi xi dritt fil-konfront ta' Marthese Mamo hija mhijiex parti in kwistjoni;

Illi ghalhekk m'hemm l-ebda dubbju illi l-mandat ghandu jigi revokat ai termini ta' art 836(1)(b)u (f);

**2. Illi l-ammont mitlub m'huwiex prima facie gustifikat jew hu eccesiv (L-Artikolu 836 (1) (d)).**

Illi raguni ohra li timmotiva il-prezentata ta' dan ir-rikors huwa li ma jirrizultax illi l-ammont mitlub huwa prima facie gustifikat u dana apparti illi l-ammont mitlub huwa minghajr dubbju eccessiv;

Illi r-raguni ghalfejn ir-rikorrenti sekwestrata qieghed tirrileva li l-ammont mitlub mhuiex prima facie gustifikat huma s-segwenti:

Ir-rikorrenti sekwestrata tirrileva illi l-hrug tal-mandat ta' sekwestru li tieghu qed tintalab ir-revoka jidher li hareg bhala reazzjoni ghal zewg kawzi li infethu mis-socjeta' Monet Limited kontra is-socjeta' Ultratest Systems Ltd f'Kiev fil-11 ta' Ottubru 2007 fejn Monet Limited qed titlob lis-socjeta' Ultratest Systems Ltd thallas l-ammont komplessivament ta' circa sitt miljun Dollaru Amerikan ai termini ta' letter of guarantee illi is-socjeta' Ultratest Systems Ltd stess harget a favur is-socjeta' sekwestrata;

Illi ghalhekk l-unika riperkussjoni li tista ssofri s-sekwestranti b'kawza ta' dan hija li tigi kundannata thallas dak li skond is-sekwestrata huma ammonti dovuti mis-socjeta Ultratest Systems Limited kif ser jigi provat waqt l-imsemmija proceduri fl-Ukraina. Il-fatt li is-sekwestrata qed tikkawtela d-drittijiet taghha fil-ligi u tipprocedi kontra Ultratest Systems Limited zgur li ma jistax jigi meqjus per se li b'xi mod qed jilledi illegalment lis-sekwestranti. Anqas tista is-sekwestranti jkollha xi pretensjoni ghall-danni minhabba dan l-agir perfettament legali tas-socjeta' sekwestrata permezz ta' l-imsemmija proceduri legali gewwa l-Ukraina peress illi dawn ghadhom jinsabu sub-giudice u li allura ir-riperkussjonijiet taghhom anqas ghadhom maghrufa. Dunque kwalsijasi dannu li s-socjeta' sekwestranti tista dato ma non concesso issofri bhaia konsegwenza ta' l-istess proceduri, sikurament ghadhom ma gewx sofferti;

Illi il-pretensjonijiet tas-socjeta' sekwestranti kif dedotti fil-mandat ta' sekwestru jistghu certament jittresqu bhala argumenti parti mid-difiza taghha waqt is-smiegh tal-proceduri fuq imsemmija sabiex jigu analizzati mill-Qorti Ukraina li hija l-unika Qorti kompetenti li tissindaka fuq il-materja, u dunque mhux bhala azzjoni separata quddiem din l-Onorabbli Qorti li fl-umli opinjoni tar-rikorrent sekwestrat mhix kompetenti tismha u tiggudika dwar dan il-kaz;

Dan oltre l-fatt li kif gie rilevat aktar 'l fuq ir-rikorrenti sekwestrata m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' sekwestranti u mas-socjeta' sekwestrata u l-anqas m'ghandha jew ma kellha ebda involviment personali fi kwalsiasi relazzjoni guridika jew kummercjali li tezisti bejn is-socjeta' sekwestranti u s-socjeta' sekwestrata;

Illi inoltre r-rikorrenti sekwestrata ma tistax tifhem fuq liema bazi s-socjeta' ezekutanti qeghda titlob id-danni u inoltre kif waslet ghas-somma pretiza ta' mitejn u ghoxrin elf lira Maltin (Lm220,000) allegatament dovut bhala danni. Stante illi s-socjeta' intimata ezekutanti naqset milli tidentifika x'danni qeghda ssofri u iktar u iktar lanqas identifikat fuq liema dritt qeghda titlob id-danni. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta ezekutanti tant huwa wiehed esagerat u maghmul b'mod azzardat illi s-socjeta ezekutanti lanqas indenjat ruhha tghid kif wasslet biex tikkwantifika u tikkomputa d-danni;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet in applikazzjoni ta' l-artikolu 836(1)(d), l-imsemmi mandate kawtelatorju ghandu jigi revokat;

**3. Tezisti garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa il-pretensjoni 836 (1) (c).**

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, r-rikorrenti sekwestrata ghandha assi adegwati sabiex ikopru il- pretensjonijiet tas-socjeta' ezekutanti, u

ghalhekk ghal kull buon fini t-talba tal-hrug tal-mandat m'hija bla ebda mod gustifikata skond il-ligi;

Illi minhabba il-hrug tal-mandat ta' sekwestru b'konsegwenza diretta tal-hrug tieghu ir-rikorrenti sekwestrata garrbet u qieghed igarrab ta' kuljum dannu konsiderevoli minhabba li l-mandat odjern kellu impatt negattiv fuq il-hajja personali u familjari taghha . Illi danni jinkludu:

- Danni sofferti mill-familjari taghha, stante illi l-kontijiet bankarji taghha u tar-ragel gew iffrizati u ghalhekk ma tistghax ikompli bil-hajja kwotidjana taghha, tant illi ma tistghax anqas ihallas kontijiet tad-dawl, tmantni it-tfal taghha illi jistudjaw u jghixu barra minn Malta, tant illi r-ragel taghha kellu sahansitra jissellef il-flus biex ikun jista jghajjex il-familja;

- Hsara kbira u irrimedjabbli lir-reputazzjoni tar-ragel taghha u taghha;

Illi ghalhekk il-hrug tal-mandat odjern sakemm jibqa in vigore qieghed iwegga lir-rikorrenti sekwestrata u lil familjari taghha;

Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' sekwestranti naqqset milli titlob lir-rikorrenti sekwestrata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta danni hmistax il-jum qabel ma gie pprezentat il-mandat ta sekwestru, u ghalhekk ghandhom jigu applikati s-sanzjonijiet applikabbli fl-artikolu 836(8);

Illi s-suespost iwassal lill-rikorrenti sekwestrata biex tqis li dan l-Mandat ta' Sekwestru gie ntavolat b'mod frivolu u vessatorju fil-konfront taghha sabiex jinterrompi u jaffettwa negattivament il-hajja familjari tal-familja Mamo u b'abbuz tal-process giudizzjalju u ghalhekk maghmul b' malafede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza, u minghjar ebda bazi fil-fatt u l-anqas fid-dritt u dan bi ksur ta' l-artikolu 836(8)(d) ta' l-istess Kapitlu;

Ghalhekk f'kaz illi dina l-Qorti ma tordnax it-tnehhija tal-mandat odjern, is-socjeta' sekwestranti ghandha tigi ordnata sabiex taghmel garanzija xierqa w opportuna ghad-danni u spejjez eventwali illi tista' ssofri r-rikorrenti sekwestrata bhala rizultat tal-mandat odjern;

Konkluzjoni

Ghaldaqstant ai termini tal-suespost, r-rikorrenti sekwestrata titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha (i) tirrevoka I-mandat ta' sekwestru kawtelatoIju numru 1816/07 ghal kollox stante li jmur kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 836(1)(b)(c)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u (ii) tordna u tikkundanna lis-socjeta' sekwesranti sabiex thallas penali ta' bejn Lm500 u Lm3,000 ai termini ta' l-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12, apparti d-danni kif kontemplati fis-subartikolu disgha (9) ta' l-Artikolu 836 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili li qed jigu espressament riservati, u (iii) fin-nuqqas tar-revoka tal-mandat, tordna u tikkundanna lis-socjeta' sekwestranti sabiex fi zmien qasir u perentorju Ii jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti tipprovdi garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali, danni u imghax u dan skond kif kontemplat fl-artikolu 838A ta' l-istess Kodici, u fin-nuqqas Ii tnehhi I-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq imsemrni - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq esposti;

Bl-ispejjez kontra I-intimat;

Rat in-nota ta' Rajeah Kumar Saraiya, li *in forza* taghha huwa issottometta :

Illi l-esponenti nomine, wara Ii talab u ottjena l-Hrug tal-Mandat ta' Sekwestru fuq riferit, intavola Rikors Guramentat quddiem din l-OnorabbIi Qorti fejn talab Ii l-intimati jigu ddikjarati responsabbli ghad-danni Ii soffra l-esponenti nomine u konsegwentement talab ukoll Ii dawn jigu kkundannati jhallsuh id-danni Ii jigu eventwalment illikwidati, Iiema Rikors Guramentat jispjega fid-dettal ix-xena ta' kif svolgew ic-Cirkostanzi ta' dan il-kaz, Iiema

Rikors Guramentat qiegħed jiġi hawn anness u dan a skans ta' repetizzjoni u tul żejjed;

Illi sussegwentement għal ħruġ ta' dan il-Mandat ta' Sekwestru, is-sinjura Marthese Mamo intavolat rikors fit-12 ta' Diċembru, 2007, kif għamel ukoll żewġha f'ismu proprju, fejn talbet li l-Mandat ta' Sekwestru ma jibqax fis-seħħ fil-konfront tagħha u li r-rikorrenti nomine jiġi kkundannat iħallas penali, billi l-istess Mandat fil-konfront tagħha inħareġ in malafede u kien frivolu u vessatorju;

Illi permezz ta' din in-Nota, l-esponenti nomine qiegħed jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex il-Mandat ta' Sekwestru għandu jibqa' fis-seħħ u dan ai termini ta' l-Artikolu 8363 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

1. Illi s-sinjura Marthese Mamo donnha qed tissottometti illi l-allegazzjoni ta' frodi da parti ta' żewġha Peter Mamo u l-intimat l-ieħor Aksandler, hija frivola u ineżistenti, fi kliemha stess "fittizja u ivvintata", meta l-esponenti għandu prova ta' żewġ esperti kaligrafi, wieħed mill-Ukraina u l-ieħor Malti u senjatament is-Sur Martin Bajada, li t-tnejn ikkonfermaw bl-iżjed mod kategoriku illi l-firem illi jidhru fuq iż-żewġ dokument li a bazi tagħhom giet intavolata l-kawża istitwita minn Monet Ltd. kontra l-esponenti nomine ġewwa l-Ukraina, u li suppost kienu jappartjenu lil Rejeah Kumar Saraiya, kienu firem foloz , kif kien ukoll ivvintat u allura falz il-kontenut ta' l-istess dokumenti. Fil-fatt u skond ma ddikjaraw dawn iż-żewġ esperti li kopja tar-rapport tagħhom qiegħed tiġi annessa ma' din in-Nota, dik il-firma, li tidher fuq iż-żewġ dokumenti, hija kopja "pasted" fuq dawn id-dokumenti tal-firma ta' Rejeah Kumar Saraiya li ġiet riprodotta minn fuq dokument ieħor li m'għandu x'jaqsam assolutament xejn mal-ftehim jew il-minuti li jidhru f'dawk iż-żewġ dokumenti u liema firma saħansitra kienet firma waħda u "pasted" fuq iż-żewġ dokumenti. Huwa risaput li ħadd fid-dinja ma jista jagħmel firma identika għal kollox għal firma oħra tiegħu stess, jipprova kemm jipprova u l-konkluzzjoni raġġunta miż-żewġ esperti kaligrafi tgħid bla tlaqlieq li l-firma fuq dawk iż-żewġ dokumenti hija identika u hija identika wkoll għal flrma illi kien għamel Rejeah Kumar

Saraiya, fuq dokument iehor li kif diga inghad ma kellu x'jaqsam xejn maz-zewg dokumenti iffalsifikati. Sahansitra t-timbri li jidhru fuq iz-zewg dokumenti iffalsifikati huwa wkoll ikkupjat minn dak id-dokument li ma kellu x'jaqsam xejn u li minnu giet mehuda b'qerq il-kopja tal-firma ta' Rejeah Kumar Saraiya.

Ghaldaqstant, altro li t-talba ghal Hrug tal-Mandat ta' Sekwestru la hija frivola u vessatorja u anqas u anqas "fittizja u ivvintata".

Inutili Marthese Mamo tissottometti li ghax m'hijiex direttur f'Monet Ltd u qatt ma kellha rwol fit-tmexxija ta' Monet Ltd. allura ma jistax jinhareg kontriha sekwestru fuq il-proprjeta' tal-komunita' ta' l-akkwisti. Dana ghaliex il-Ligi stess timponi illi meta ragel mizzewweg u li jkun agixxa wahdu meta skond il-Ligi ma huwiex rikjest il-kunsens ta' martu, ghax ikun qieghed jagixxi fin-negozju jew fil-professjoni tieghu, kull dejn li jaghmel jew kull debitu li jinkorri ghall-istess, tirrispondi l-komunjoni ta' l-akkwisti u sahansitra anki l-beni parafernali jistghu jigu maqbuda f'kaz illi l-assi tal-komunjoni ma jkunux bizzejjed biex jissodisfaw dak il-kreditu.  Ara l-Artikoli 1321, 1324, 1327, 1330 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, is-sottomissjonijiet illi l-att gudizzjarju kontra taghha sar b'mod vessatorju, frivolu u bla bazi legali, ma jaghmilx sens legali meta l-Ligi stess, fl-Artikoli 1316 sa 1333 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, taghmilha cara illi l-komunjoni ta' l-akkwisti kollha u mhux nofsha, trid taghmel tajjeb ghad-djun jew debiti li jkunu saru minn wiehed jew wahda mill-mizzewgin waqt il-kors ta' atti normali ta' gestjoni ta' kwalunkwe' negozju jew professjoni; u ghalhekk jinghad illi inutile li Marthese Mamo tippretendi li ghax ma kellha "l-ebda say" f'Monet Ltd. allura sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti ghandu jigi eskluz mid-debiti li jkun ghamel zewgha. La darba fir-Rikors Guramentat, li sar wara l-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru, hemm it-talba li l-Corporate Veil ta' Monet Ltd. jigi mnehhi sabiex irresponsabbilitajiet li dahlet ghalihom Monet Ltd. jigu merfughha wkoll minn Peter Mamo, li kien u ghadu s-sole director ta' Monet Ltd. u quindi martu, li

ghandha tirrispondi skond il-Ligi, ghall-istess djun ta' zewgha b'semgha mill-komunjoni ta' l-akkwisti kif tghid il-Ligi, allura ma tistax legalment tippretendi, Marthese Mamo li tigi ezonerata mir-responsabbilita' taghha bhala mart Peter Mamo, bil-proprjeta' taghha appartenenti lil komunjoni ta' l-akkwisti;

2. Rigward is-sottomissjoni li l-ammont mitlub mhux prima facie gustifikat jew huwa eccessiv, altro li dan m'huwiex minnu. Jekk xejn, u kif jirrizulta mill-prospett li ghamel l-esponenti nomine u li qieghed jigi hawn anness u li ser jigi mahluf mill-istess rikorrenti nomine waqt l-udjenza ta' ghada, huwa anqas minn dak li attwalment soffra sallum l-esponenti nomine. Dana ghaliex l-ammont pretiz huwa limitat ghad-danni sofferti sat-3 ta' Dicembru, 2007, meta gie intavolat il-Mandat ta' Sekwestru, kif ukoll l'ghaliex f'dan l-ammont, ma gewx inkluzi l-ispejjez ta' safar, ikel u akkomodazzjoni li l-esponenti nomine kien kostrett li jonfoq fit-tragitti illi kien kostrett jaghmel lejn l-Isvizzera, l-Ingilterra u Malta minhabba l-kawza illecita li fethet Monet Ltd. kontra tieghu gewwa l-Ukraina. Id-danni li qieghed isoffri l-esponenti nomine
qed jikbru kuljum u bizzejjed wiehed isemmi li minn turnover ta' Lm70,000,000 fis-sena 2006, dan it-turnover, fis-sena 2007, meta bdew il-proceduri legali istitwiti minn Monet Ltd. gewwa l-Ukraina ghal hlas ta' USD6,500,000, it-turnover nizel ghas-somma ta' cirka Lm13,000,000. Altro li m'hijiex eccessiva t-talba tar-rikorrenti nomine;

Anki hawn ir-ragunament ta' Marthese Mamo ma jaghmel l-ebda sens legali. Tissottometti Marthese Mamo li peress li l-azzjoni maghmula kontra r-rikorrenti gewwa l-Ukraina ghadha sub judice huwa ma soffra l-ebda danni. Is-sitwazzjoni attwali pero' hija l-oppost, b'dak li ghamlet Monet Ltd. B'dak li ghamlet Monet Ltd. kif imexxija minn Peter Mamo bhala sole director meta din istitwiet proceduri fl-Ukraina, oltre' li Monet Ltd. talbet il-hlas ta' USD6,500,000, talbet u otteniet mill-Qorti Ukraina ordni li l-esponenti nomine ma setghax jghabbi proprjeta' illi huwa ghandu gewwa l-Ukraina li tiswa mad-USD9,000,000 bi kwalunkwe dejn stante illi l-valur ta' din il-proprjeta' kellha taghmel tajjeb ghal hlas tas-somma ta' USD6,500,000

mitluba fic-citazzjoni, b'dan li l-esponenti nomine ma setghax izjed jibqa' jissellef minghand il-banek a bazi tal-valur ta' dik il-proprjeta', kif kien jaghmel qabel, bir-rizultat li tilef u ghadu jitlef hafna negozju ghaliex issa m'ghadx ghandu l-kapacita' li jissellef fuq dik il-proprjeta' kif kien jaghmel qabel;

Kif diga inghad, dan it-telf ta' negozju waqqa' t-turnover ta' l-esponenti nomine minn Lm70,000,000 fl-2006, ghal Lm13,000,000 fl-2007 u dana b'mod proporzjonali;

L-esponenti jissottometti wkoll illi Monet Ltd. li hija l-persuna li harket l-esponenti fl-Ukraina, biex din tithallas USD6,500,000 m'ghandha l-ebda assi fl-Ukraina li fuqhom l-esponenti jista' jagixxi f'kaz li jkollu ezitu favorevoli fil-kawza illi huwa ghamel fl-Ukraina biex ixejjen il-frodi ippercepita kontra tieghu. L-unika assi li jistghu jezistu appartenenti lil Monet Ltd, lis-sole director taghha Peter Mamo u minhabba dak li tghid il-Ligi Maltija rigward il-komunjoni ta' l-akkwisti, lis-sinjura Marthese Mamo, jinsabu Malta u fuq dawk l-assi biss jista' jmexxi l-esponenti nomine f'kaz ta' ezitu favorevoli kemm tal-kawza minnu istitwita Malta u kemm ta' dawk istitwiti gewwa l-Ukraina. Altru allura illi l-azzjoni gudizzjarja li saret hawn Malta, kif ukoll il-Hrug tal-Mandat ta' Sekwestru, la kienet frivola u vessatorja u inqas u inqas "ezagerata u maghmula b'mod azzardat";

3. Rigward il-garanzija xierqa li Marthese Mamo tghid li ghandha biex tissodisfa il-pretensjonijiet ta' l-esponenti nomine, jekk din tezisti
ghax s'issa ghadha ma ssemmitx l-entita' taghha u f'hiex tikkonsisti, l-Ligi tghid x'ghandu jsir ftali kaz. Irrilevanti ghal kollox pero' dak li tkompli tissottometti Marthese Mamo li bil-Hrug tal-Mandat ta' Sekwestru, qed tbati. Jekk qed tbati, ghax tort taghha u / jew ta' zewgha u mhux minhabba xi nuqqas da parti tar-rikorrenti nomine, li fuqu Monet Ltd. u allura zewgha li jmexxieha, ghamlet u ghadha taghmel attentat aggravat biex jinsterqula USD6,500,000. Mhux attentat aggravat biss sar, izda Monet Ltd. irnexxielha wkoll tottjeni l-Hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-esponenti nomine, li permezz tieghu u

gie inibit milli jissellef flus minghand il-banek li qabel kien jissellef minn ghandhom biex jiffinanzja in-negozju internazzjonali massic li kellu sakemm gara dak li ghadu kif inghad.

Dan is-self kien isir fuq proprjeta' immobbiljarja gewwa l-Ukraina appartenenti ghall-esponenti nomine li ghandha valur ta' USD9,000,000. Minhabba dawn il-proceduri fl-Ukraina, l-esponenti ma setghax iktar jaghmel tajjeb b'din il-proprjeta' biex jissellef flus biex ikun jista' jkompli jinnegozja bhal qabel. Dan wassal biex it-turnover tieghu, minn Lm70,000,000 naqas ghal Lm13,000,000;

Ghal dak illi gie sottomess li l-esponenti nomine naqas qabel ma ntavola l-Mandat ta' Sekwestru li interpella lis-socjeta' Monet Ltd. u lil konjugi Mamo personalment biex jersqu ghal likwidazzjoni tad-danni minnu sofferti, l-Ligi stess tiddikjara li f'cirkostanzi specjali kif inhuma dawk fil-kaz odjern, din l-interpellanza m'hijiex rikjesta;

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponenti nomine jissottometti illi l-Mandat ta' Sekwestru fuq riferit ghandu jibqa' fis-sehh, ukoll fil-konfront ta' Marthese Mamo u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, m'hemmx raguni li tigi imposta penali kontra l-esponenti nominee kif imsemmi fl-Artikolu 836 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tichad it-talbiet tar-rikorrenti Marthese Mamo, bl-ispejjez kontra taghha;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Rat illi r-rikors thalla ghallum ghal digriet;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi Marthese Mamo ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' Monet Limited, kif lanqas ma ghandha ebda relazzjoni legali ma

Rajeah Kumar Saraiya, jew ma Ultratest Systems Ltd jew ma Samion Assendler.

Illi ghalhekk isegwi illi l-intimat nomine ma irnexxilux jipprova illi kellu "prima facie" bazi guridika li fuqha seta' jagixxi sabiex jinhareg mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra r-rikorrenti.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u qeghda tirrevoka il-Mandat ta' Sekwestru fil-konfront taghha, izda qeghda tichad it-tieni talba tar-rikorrenti ghall-imposizzjoni ta' penali fuq l-intimat nomine.

Bl-ispejjez kontra l-intimat nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------